# Aħbar Tajba

**Il-Familja Mqaddsa ta' Ġesù, Marija u Ġużeppi**

1 Sam 1, 20-22.24-28
Salm 83 (84), 2-3. 5-6. 9-10
1 Ġw 3, 1-2, 21-24
Lq 2, 41-52



Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk?
**Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma."**

Ftit xhur ilu kelli x-xorti nqatta' ftit jiem f'post fil-muntanji fin-naħa ta' fuq tal-Ewropa. Tgħidx kemm kien hemm ambjent sabiħ, taħsbek qiegħed il-Ġenna! Sfortunatament il-gost u l-paċi inqatgħu ħesrem għax mill-bogħod bdejna nisimgħu għajjat ta' paniku kbir u ma domtx ma ndunajt bl-istorja. Tifla żgħira kienet miexja mal-ġenituri tagħha u xi ħbieb tagħhom u mid-dehra aljenat rasha u intilfet għax ma baqgħetx miexja magħhom. Camilla kien jisimgħa għax tgħidx kemm għajtulha ommha u missierha. Ma kienux jafux x'se jaqbdu jagħmlu.

Għall-ewwel f'qalbi bdejt ngħid li kienu qed jagħmlu ħafna storbju għalxejn. Kemm setgħet tbiegħdet? Il-post kien jidher sigur. Imma mbagħad ippruvajt nimmaġina ruħi flokhom u malajr bdew ġejjin ħafna ħsibijiet u ndunajt li meta tkun ġenitur, għax tħobb lil uliedek, moħħok jibda jaħdem b'mod differenti. Bil-għajnuna ta' Alla l-istorja spiċċat b'wiċċ il-ġid. Camilla kienet rat xi tfal ta' mparha u marret tilgħab magħhom.

Fil-Vanġelu tal-lum insibu storja tixbaha ħafna. Min jaf x'għadda minn moħħ Ġużeppi u Marija meta ndunaw li binhom ma kienx magħhom! U min jaf kemm kienu kuntenti kif sabuh fit-tempju.

Is-silta tal-lum tgħinna nifhmu aħjar l-importanza tal-familja, dawk li jridulna l-akbar ġid. Ejjew napprezzaw kemm jagħmlu sagrifiċċji biex tassew inkunu kuntenti u ma jonqosna xejn. U dan ma jagħmluhx darba jew tnejn imma dejjem!

Madankollu, tajjeb li aħna wkoll nagħmlu l-parti tagħna fil-familja. Tajjeb li nagħtu daqqa t'id fejn nistgħu fix-xogħol tad-dar u noqogħdu attenti li ma nħallux ħmieġ u diżordni fejn inkunu. Nisimgħu minnhom għax kull meta jgħidulna xi ħaġa jew jikkoreġuna, dan jagħmluh għax iridulna l-ġid. Fuq kollox ejjew nitolbu għal familji tagħna biex sena wara l-oħra nkomplu ningħaqdu u nsiru nixbhu ftit aktar lill-familja ta' Ġesù.

Fl-aħħar nett, ejjew ma ninsewx lil Ġesù f'dan iż-żmien, għax kultant faċli nintilfu fil-parties u r-rigali. Tajjeb li niltaqa' ma' sħabi, li mmur nilgħab u nara xi film, imma ejjew insibu ħin biex niltaqgħu ftit ma' Ġesù. Tajjeb li nibdew il-jum tagħna bil-quddiesa, u meta nkunu nistgħu nieħdu sehem fil-quddiesa flimkien mal-familja tagħna. Hekk, inkunu qed ngħinu biex tassew il-familja tagħna jkollha dak li tassew jgħaqqadha, lil Ġesù!

## Sib it-triq

Ta’ kull sena l-ġenituri ta’ Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa tal-Għid. Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skont id-drawwa ta’ dik il-festa. Wara li għaddew dawk il-ġranet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa’ Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu. Huma ħasbuh qiegħed ma’ xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom, ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh. (Lq 2, 41-45)

**Ġużeppi u Marija għadhom kif indunaw li Ġesù ma kienx għadu magħhom. Tgħidx x’jinkwetaw bħalissa! Għin lil Ġużeppi u Marija jsibu lil binhom Ġesù billi turihom minn fejn iridu jgħaddu mil-labirint ta’ hawn taħt. Għinhom iserrħu ftit qalbhom!**





Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju, bilqiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u jistaqsihom; u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu.

Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara, missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma." U hu qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi nkun f'dak li hu ta' Missieri?" Iżda kliemu ma fehmuhx.

Imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha. U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin. (Lq 2, 46-52)

## Milied kuljum!

Taf li hemm mod kif tista' tiċċelebra l-festa tal-Milied kuljum?! Mhux qed niċċajta! Il-Milied hija l-festa tal-miġja ta' Ġesù fid-dinja, ġrajja hekk kbira li mhux talli bidlet l-istorja imma li kull sena nħossu l-bżonn li niċċelebrawha b'mod kbir. Tiżjin, rigali, parties u ikliet, vaganzi, dwal u siġar tal-Milied, insomma, ċelebrazzjoni tassew kbira.

Iżda kull wieħed u waħda minnha jista' jiċċelebra din il-ġrajja kuljum, u mhux biss bħala tifkira qisu kien xi anniversarju ta' xi ħaġa li ġrat ħafna u ħafna żmien ilu. Le, nistgħu niċċelebrawha b'mod sħiħ għax tiġri kull darba li nieħdu sehem fiha.

Din iċ-ċelebrazzjoni nsejħulha l-quddiesa u kif tafu f'pajjiżna din tiġi ċċelebrata kuljum u f'ħafna u ħafna postijiet differenti. Imma nistħajjel li x'uħud qed jaħsbu li jippreferu xi party jew ikla tal-Milied milli jmorru l-quddiesa. Kultant jiġrilna li anqas nindunaw bil-kobor u s-sabiħ li għandha l-quddiesa. Il-fatt li l-Insara tar-raħal qegħdin magħqudin, jitolbu flimkien lil Alla, dawn kultant nidrawhom u ma napprezzawhomx! Imma fuq kollox fil-quddiesa niċċelebraw kull darba l-miġja ta' Ġesù. U din id-darba flok f'maxtura tat-tiben iniggeż jista' jitwieled ġewwa fina! Mhux Milied isbaħ meta Ġesù jitwieled fina flok ġo għar kiesaħ barra Betlehem?!



### Din il-Ġimgħa...

**Biex tassew ngħixu l-ispirtu veru tal-Milied sib ħin biex tmur tqerr. Ara ftit fi x'ħin ikun hemm saċerdot iqarar u mur ftit kmieni biex tħejji ruħek għal dan is-sagrament.**


**Aħbar Tajba** hija inizjattiva tal-Media Centre flimkien mal-Fondazzjoni YOUTHEME u tiddependi mill-ħidma ta' diversi voluntiera u benefatturi. Għandna bżonn ukoll ta' ħafna talb biex din il-ħidma tħalli l-frott mixtieq. Min jixtieq jgħin, finanzjarjament, bit-talb jew b'xi ħidma oħra jista' jibagħtilna fuq

**info@sayitmalta.com**

Grazzi.




**Dan l-Avvent ejja magħna fi vjaġġ wara kewkba speċjali li se tlaqqagħna ma' sultan ġdid.**

**Kuljum se timxi pass ieħor fl-istorja li bidlet id-dinja.**




Ibagħtilna email fuq info@mediacentre.com.mt

€3.50

jew ordnaw online minn sayitmalta.com

STORJA TAL-MILIED | KALENDARJU TAL-AVVENT | KTIEB TAT-TPINĠIJA

mediacentre

design • video production • animation • publishing • web

GĦAŻEL PRODOTTI LI JIBDLU ĦAJJET IN-NIES GĦALL-AĦJAR!

GĦAŻEL IL-KUMMERĊ ĠUST



SAY IT!

ĦANUT TAL-KUMMERĊ ĠUST

www.sayitmalta.com - info@sayitmalta.com

32 Tarxien Road Paola



AĦBAR **TAJBA** hija pubblikazzjoni tal-Media Centre flimkien ma' SayIt Publications u YouTheme Foundation. Min jixtieq jagħti kontribuzzjoni finanzjarja jew jordna aktar kopji ta' dan il-fuljett jista' jibagħtilna *email* fuq *info@sayitmalta.com* jew iċempel fuq 2569 9100.

mediacentre YOUTHEME FOUNDATION